

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-3 ta' Lulju 2014 – Slovenská autobusová doprava Trnava, a.s. vs Krajský úřad Olomouckého kraje

(Kawża C-318/14)

(2014/C 351/02)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyšší správní soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Slovenská autobusová doprava Trnava, a.s.

Konvenuta: Krajský úřad Olomouckého kraje.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 49, moqri flimkien mal-Artikolu 52 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ li t-trasportatur li jkollu s-sede tiegħu fi Stat Membru ieħor u li huwa stabbilit fir-Repubblika Ċeka permezz ta' fergħa jikseb, minbarra l-liċenzji u l-konċessjonijiet li jippermettu lit-trasportaturi li jkollhom is-sede tagħhom fir-Repubblika Ċeka li joperaw servizzi regolari nazzjonali (trasport pubbliku urban), awtorizzazzjoni speċjali għall-eżerċizzju tal-istess attività, li l-għoti tagħha jaqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità amministrattiva?
- 2) Sabiex tiġi evalwata l-ewwel domanda, huwa rilevanti l-fatt li dan huwa każ ta' trasport pubbliku urban li jopera fil-kuntest tas-sistema tal-obbligi ta' servizz pubbliku skont kuntratt ta' servizz pubbliku għal kunsiderazzjoni mħallsa mill-fondi pubbliċi fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70?
- 3) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12/98 ⁽²⁾, tal-11 ta' Diċembru 1997, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħtom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi nazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq fi Stat Membru, moqri flimkien mal-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa jippermetti lil Stat Membru jillimita, bil-mod indikat fl-ewwel domanda, l-operat ta' linji ta' trasport pubbliku urban mit-trasportaturi li s-sede tagħhom tkun tinsab fi Stat Membru ieħor?

⁽¹⁾ ĠU L 315, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 3, p. 501.